



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2019
COM(2019) 72 final

2019/0034 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-
Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Adozzjoni tal-
Emenda 17 għall-Anness 13**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Emenda 17 għall-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago mill-Kunsill tal-ICAO fil-216-il sessjoni tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") għandha l-għan li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru. Il-Konvenzjoni ta' Chicago daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947 u stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

2.2. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

L-organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hi aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti. L-għanijiet u l-oġettivi tal-Organizzazzjoni huma li tiżviluppa l-prinċipji u t-tekniki tan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru u li trawwem l-ippjanar u l-iżvilupp tat-trasport internazzjonali bl-ajru.

Il-Kunsill tal-ICAO hu korp permanenti tal-ICAO b'36 Stat kontraenti li huma membri tiegħu u eletti mill-Assemblea tal-ICAO għal terminu ta' tliet snin. Għall-perjodu 2016-2019, hemm seba' Stati Membri tal-UE rrappreżentati fil-Kunsill tal-ICAO.

Fost il-funzjonijiet obligatorji tal-Kunsill tal-ICAO, elenkati fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, hemm l-adozzjoni ta' standards internazzjonali u prattiki rakkomandati, indikati bħala Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

2.3. L-Att previst tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

Tul il-216-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għandu jadotta l-Emenda 17 għall-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar ir-rappurtar u l-investigazzjoni f'waqtha ta' aċċidenti u inċidenti ("l-att previst").

L-att previst għandu l-għan li jemenda l-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago – *Investigazzjonijiet tal-Inċidenti u tal-Inċidenti tal-Inġenji tal-Ajru* – abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mit-tielet laqgħa tal-Bord tal-Investigazzjoni tal-Aċċidenti (AIGP/3) u abbażi ta' rakkomandazzjoni mit-Tieni Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza (HLSC2015). L-emenda tintroduċi bidliet fl-oqsma tal-investigazzjoni f'waqtha tal-aċċidenti u tal-inċidenti serji, u l-ħruġ tar-rapport finali; id-definizzjoni ta' "Rappreżentant akkreditat"; l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika, u t-tqassim tar-Rapporti Finali; il-faċilitazzjoni tad-dħul ta' investigaturi; id-drittijiet u l-intitolament ta' espert; konsultazzjoni dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza; lista ta' eżempji ta' inċidenti serji; u d-delega ta' investigazzjoni.

L-emenda proposta għall-Anness 13 hi maħsuba biex issir effettiva minn Lulju 2019 u tkun tapplika mill-5 ta' Novembru 2020.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Il-bidliet ewlenin u r-rabta tagħhom mar-regoli eżistenti tal-Unjoni

Il-bidla ewlenija introdotta mill-proposta tal-Emenda 17 għall-Anness 13 (“il-proposta”) għandha x'taqsam mal-“investigazzjoni f'waqtha ta' aċċidenti u inċidenti serji, u mal-ħruġ tar-rapport finali”. Din hi bbażata fuq rakkomandazzjoni tat-Tieni Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza (HLSC2015). Kien hemm aċċidenti meta l-Istat tal-Okkorrenza la wettaq l-investigazzjoni u lanqas aċċetta li jiddelega l-investigazzjoni, filwaqt li l-Istat tal-Operatur jew l-Istat tal-Manifattura/Disinn deherlu li kien hemm bżonn tiġi investigata l-okkorrenza. Ta' min wieħed jinnota li hemm SARPs li jintitolaw lill-Istat tal-Okkorrenza biex jiddelega investigazzjoni, iżda ma hemm l-ebda SARP jew kriterju ieħor li jintitola lill-Istati biex jitolbu d-delega ta' investigazzjoni. Mill-HLSC2015 ħareġ li wħud mill-investigazzjonijiet jistgħu ma jsirux mill-Istat tal-Okkorrenza u saret rakkomandazzjoni biex l-ICAO tirrevedi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness 13, biex issir kunsiderazzjoni xierqa meta l-Istat tal-Okkorrenza ma jwettaqx investigazzjoni kif mitlub fl-Anness 13 u ma jkunx beħsiebu jiddelega l-investigazzjoni lil Stat ieħor. Tajjeb jifakkar li l-Istat tal-Okkorrenza għandu l-obbligi ta' investigazzjoni, kif jitolb l-Anness 13; jekk dawn l-obbligi ma jiġux rispettati, u s-sikurezza tintlaqat ħażin, tiġi applikata l-proposta.

Il-“prattiki rakkomandati”¹ proposti jikkonċernaw il-każ meta l-Istat li, skont l-Anness 13, hu responsabbli mill-investigazzjoni (l-Istat tal-Okkorrenza jew tar-Reġistru, skont il-każ) ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu. F'dan il-każ, Stati oħra, kif identifikati, jistgħu “jitolbu” delega. Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni mill-Istat responsabbli kif jitolb l-Anness 13, ir-rakkomandazzjonijiet jistipulaw li l-Istat rikjedenti “jenħtieġ jistabilixxi u jwettaq l-investigazzjoni bl-informazzjoni li tkun disponibbli”. Madankollu, jekk l-Istat tal-Okkorrenza ma jilqax it-talba għal delega tal-investigazzjoni, bħalma jista' jiġri, l-Istat rikjedenti ma jwettaqx l-investigazzjoni.

Il-problema li wasslet għal din il-bidla normalment ma għandhiex tinqala' bejn l-Istati Membri tal-Unjoni. L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 jistabilixxi l-obbligi ta' investigazzjoni u jiddefinixxi l-ambitu u l-wisa' tal-investigazzjonijiet dwar is-sikurezza, u jiddefinixxi liema Stat Membru hu responsabbli skont il-każ. Jekk Stat Membru ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi, dan jikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-Unjoni, u l-Kummissjoni tkun intitolata tiftaħ proċedimenti ta' ksur. Iżda jekk tiġi adottata l-emenda proposta, nuqqas ta' konformità min-naħa ta' xi Stat Membru b'rabta mal-obbligi tiegħu ta' investigazzjoni (jiġifieri skont ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 u, bl-istess mod, skont l-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago), dan jista' jwassal għal azzjoni, skont il-punti ġodda 5.1.3 u 5.3.2 tal-Anness 13, skont il-każ.

Suġġett ieħor rigward l-investigazzjonijiet f'waqthom jinvolti l-ħruġ tard tar-Rapporti Finali jew meta ma jinħareġ l-ebda Rapport Finali. Minn rieżami ta' 1 157 aċċident fatali li ġraw bejn l-1990 u l-2016 u li jinvolve ingeni tal-ajru b'MCTOM akbar minn 5 700 kg, ħareġ fid-dieher li 59 fil-mija tar-Rapporti Finali ma kinux disponibbli għall-pubbliku. In-nuqqas ta' dawn ir-Rapporti Finali hu inkwetanti ħafna għax l-informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza ma tkunx disponibbli biex jiġu implimentati l-azzjonijiet tas-sikurezza. F'xi każijiet, l-Istati li ħadu sehem f'dawn l-investigazzjonijiet kienu konxji mill-kwistjonijiet tas-sikurezza iżda ma setgħux ixerrdu l-informazzjoni għax ir-responsabbiltà li joħroġ informazzjoni fir-Rapport Finali jew f'dikjarazzjoni interim kienet f'idejn l-Istat li qed iwettaq l-investigazzjoni.

¹ Dawn huma l-punti 5.1.3 u 5.3.2 tal-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

F'dan ir-rigward, il-“prattika rakkomandata”² proposta “tintitola” lill-Istati li jieħdu sehem fl-investigazzjoni li jitolbu l-kunsens għal ħruġ ta’ dikjarazzjoni li jkun fiha l-kwistjonijiet tas-sikurezza, jekk l-Istat li jkun qed iwettaq l-investigazzjoni ma jippubblikax ir-Rapport Finali jew dikjarazzjoni interim fi żmien raġonevoli. Dan it-tip ta’ mekkaniżmu la jinsab fir-Regolament (UE) Nru 996/2010, u lanqas ma hemm bżonnu (ara l-kunsiderazzjoni stabbilita hawn fuq rigward id-delega).

Ta’ min wieħed jinnota li ż-żewġ punti msemmija hawn fuq, ippreżentati bħala “prattiki rakkomandati”, ibiddlu l-pożizzjoni legali f’din il-materja, fis-sens li dawn jaffettwaw l-allokazzjoni tal-kompiti fost l-Istati tal-ICAO, kif jirriżulta mill-istandards prieżistenti.

Fost l-oqsma l-oħra li rrakkomanda l-Bord tal-Investigazzjoni tal-Aċċidenti (AIGP/3), bħala parti mill-proposta tal-Emenda 17 għall-Anness 13, biex isirulhom xi bidliet, hemm: id-definizzjoni ta’ “Rappreżentant akkreditat”; l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika, u t-tqassim tar-Rapporti Finali; il-faċilitazzjoni tad-dħul ta’ investigaturi; id-drittijiet u l-intitolament ta’ espert; konsultazzjoni dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza; lista ta’ eżempji ta’ inċidenti serji; u d-delega ta’ investigazzjoni.

Fir-rigward tal-bidla fid-definizzjoni ta’ “rappreżentant akkreditat”, it-test propost jaqbel mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 li jiddefinixxi “rappreżentant akkreditat” u li jiddikjara li rappreżentant akkreditat maħtur minn Stat Membru għandu jkun minn awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza. Fl-Unjoni, l-Istati Membri kollha stabbilew Awtorità tal-Investigazzjoni tal-Avjazzjoni permanenti u indipendenti.

Dwar l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika, u t-tqassim tar-Rapporti Finali, l-emendi proposti jallinjaw bosta dispożizzjonijiet tal-Anness 13 mal-bqija tal-Anness. L-impatt ta’ dawn il-bidliet fuq ir-regoli tal-Unjoni għad irid jiġi vvalutat u, meta meħtieġ, jistgħu jiġu notifikati xi differenzi.

L-emenda proposta tan-Nota 2 tal-Artikolu 5.24 dwar il-“faċilitazzjoni tad-dħul ta’ investigaturi” għandha l-għan li tfakkar lill-Istati Membri li l-istabbiliment ta’ ftehimiet minn qabel bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tal-aċċidenti u l-awtoritajiet doganali f’xi Stat partikolari jista’ jħaffef id-dħul tal-persunal u tat-tagħmir tal-investigazzjoni. L-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta’ dan l-oġettiv permezz ta’ arranġamenti avvanzati li jenħtieġ jiġu stabbiliti ma’ awtoritajiet oħrajn li aktarx ikunu involuti fl-attivitajiet relatati mal-investigazzjoni tas-sikurezza, biex l-investigazzjoni teknika tkun tista’ ssir b’mod diliġenti u effiċjenti.

Biex tkun evitata l-konfużjoni potenzjali relatata mad-drittijiet u l-intitolamenti ta’ espert ma’ daww ta’ rappreżentant akkreditat, qed jiġi propost li titħassar il-kelma “parteċipazzjoni” mill-intestatura tal-5.27 għax din hi simili għal daww tal-5.18 u tal-5.23 fejn l-Istati parteċipanti huma intitolati jgħtru rappreżentanti akkreditati għall-investigazzjoni. L-impatt ta’ dawn il-bidliet fuq ir-regoli tal-Unjoni għad irid jiġi vvalutat u, meta meħtieġ, jistgħu jiġu notifikati xi differenzi.

In-Nota proposta għall-Artikolu 6.8 għandha l-għan li tinforma lill-Istat li jwettaq investigazzjoni bil-possibbiltà li jikkoordina abbozz ta’ rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza ma’ Stati li hađu sehem fl-investigazzjoni. Dan it-test jaqbel mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 li skontu l-Awtoritajiet tal-Aċċidenti tal-Avjazzjoni tal-Unjoni jistgħu, wara konsultazzjoni xierqa mal-partijiet rilevanti, jibagħtu fi kwalunkwe stadju tal-investigazzjoni dwar is-sikurezza, kwalunkwe rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza li jqisu meħtieġa.

² Dan hu l-punt 6.6.1 tal-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta’ Chicago.

L-emendi proposti għall-Anness C “Lista ta’ eżempji ta’ inċidenti serji” għandhom l-intenzjoni li jassistu lill-Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tal-Avjazzjoni waqt il-valutazzjoni tagħhom dwar jekk każ hux inċident, inċident serju jew sempliċement inċident. Il-lista mhix eżawrjenti u fil-futur se tevolvi biex tqis perikli ġodda bħall-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord jew il-ksur taċ-ċibersigurtà. Fiha wkoll gwida qasira għall-AIAs biex japplikaw approċċ ta’ analiżi bbażata fuq ir-riskju meta jkun qed jiġi determinat jekk hux meħtieġ inċident serju. Fl-Anness C, hu propost li tiġi inkluża verżjoni simplifikata tal-matriċi tal-gradazzjoni tar-riskji tal-avvenimenti (ERC) tas-Soluzzjonijiet tal-Ġestjoni tar-Riskju tal-Avjazzjoni (ARMS).

L-Anness “Lista ta’ eżempji ta’ inċidenti serji” tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 fih eżempji tipiċi ta’ inċidenti li aktarx ikunu inċidenti serji. Din il-lista mhix eżawrjenti u sservi biss bħala gwida fir-rigward tad-definizzjoni ta’ “inċident serju”. Bħala tali, l-Unjoni tilqa’ kwalunkwe inizjattiva li tista’ tgħin biex jiġi ddeterminat b’mod armonizzat x’inhu inċident serju. Iż-żidiet suġġeriti ma jaqblux ma’ xi entrata korrispondenti tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 996/2010. Madankollu jidher li dawn huma raġonevoli u bl-istess spirtu tal-entrati diġà elenkati. Iżda jekk xi waħda jew aktar minn dawn l-entrati joħlqu xi problemi, id-differenzi xorta jistgħu jiġu notifikati fi stadju aktar tard.

Il-bidla proposta fl-Anness F “Ftehimiet ta’ delega tal-investigazzjoni” tirreferi għal ftehimiet ta’ delega sħiħa jew parzjali tal-investigazzjoni tas-sikurezza. Din il-proposta tindirizza l-importanza li ssir distinzjoni bejn l-istituzzjoni u t-tweqqif ta’ investigazzjoni, u r-responsabbiltajiet tal-Istat li lilu tiġi delegata l-investigazzjoni. Din tintroduċi l-possibbiltà li l-investigazzjoni tiġi delegata lil organizzazzjoni reġjonali tal-investigazzjoni tal-aċċidenti u tal-inċidenti (RAIO).

Hemm diversi Artikoli fir-Regolament (UE) Nru 996/2010 li jitttrattaw dan il-qasam. L-Artikolu 6 jitttratta l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza; u jagħti l-possibbiltà lil awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza li tiddelega l-kompitu tat-tweqqif investigazzjoni dwar aċċident jew inċident serju lil awtorità oħra tal-investigazzjoni tas-sikurezza, soġġetta għal ftehim reċiproku. L-Artikolu 7 jistabbilixxi n-Netwerk Ewropew ta’ Awtoritajiet tal-Investigazzjoni tas-Sikurezza fis-Settur tal-Avjazzjoni Ċivili (ENCASIA), bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, u wieħed mill-oġġettivi tiegħu li, fuq talba tal-awtoritajiet tal-investigazzjoni tas-sikurezza għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, jipprovdi assistenza xierqa, inkluż iżda mhux limitat għal, lista ta’ investigaturi, tagħmir u kapaċitajiet disponibbli fi Stati Membri oħra għall-użu potenzjali mill-awtorità li tkun qed twettaq l-investigazzjoni. Għall-informazzjoni, l-ENCASIA diġà ġiet elenkata bħala RAIO fir-reġistru tal-ICAO. Iżda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 ma jippermettix d-delegazzjoni minn awtorità tal-investigazzjoni tas-sikurezza għal RAIO (ENCASIA).

3.2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni

Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni hi appoġġ għall-emenda proposta fl-intier tagħha.

Hu minnu li, flimkien mal-każijiet meta l-leġislazzjoni tal-Unjoni diġà tkun konformi mal-bidliet proposti mill-Emenda 17, hemm xi punti fejn dan l-allinjament hu nieqes jew inċert.

Madankollu, hemm argumenti importanti favur li l-appoġġ għall-emenda kif ippreżentata, jiġifieri d-deċiżjoni dwar jekk ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 jenhtiegħx jiġi emendat fejn jidħlu ċerti dettalji u/jew jekk id-differenzi jenhtiegħx jiġu notifikati skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta’ Chicago, xorta jista’ jsir fi stadju aktar tard.

L-ewwel raġuni għall-appoġġ tal-emenda hi għax din tirrappreżenta kunsens internazzjonali miksub minn esperti li ġeġjin minn spettru wiesa’ ta’ Stati Membri tal-ICAO, inkluż għadd ta’

esperti mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. L-oġġettiv komuni tal-elementi varji tal-emenda jikkonsisti f'titjib tas-sistema internazzjonali tal-investigazzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti tal-inġenji tal-ajru. Pożizzjoni fejn l-emenda proposta ma tkunx appoġġata mill-Istati Membri tal-Unjoni tirriskja li timmina l-isforzi internazzjonali għal dan il-għan. It-tieni nett, hu essenzjali li l-Emenda 17 tiġi appoġġata fl-intier tagħha għax din tintroduċi għadd ta' bidliet li huma interkonnessi. Deċiżjoni li tappoġġa biss xi partijiet tal-Emenda 17 twassal biex tiddisturba l-loġika interna tal-emenda proposta u tirriskja aktar nuqqas ta' allinjamenti tar-regoli li hemm fl-Anness 13. Fl-aħħar nett, jenħtieġ jiġi nnutat li filwaqt li l-qafas legali Ewropew fil-qasam tal-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-avjazzjoni jista' jitqies komprensiv u effettiv, dan mhux il-każ f'għadd ta' Stati Membri oħra tal-ICAO.

Kif diġà ssemma, dan ta' hawn fuq hu mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni, li trid issir fi stadju aktar tard, dwar jekk l-Unjoni jenħtieġx temenda r-regoli tagħha stess u/jew tiddeċiedi li jiġu notifikati d-differenzi. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni se tiegħu l-inizjattivi meħtieġa. B'mod partikolari, jekk ikun hemm bżonn tiġi notifikata xi differenza, din tagħmel proposta korrispondenti għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hix membru tal-korp jew parti għall-ftehim³.

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”*⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hi korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

L-Att li l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali qed tintalab tadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-Att previst għandu effetti legali għax ibiddel għadd ta' standards, li kapaċi joħolqu obbligu legali vinkolanti skont id-dritt internazzjonali.

Barra minn hekk, l-Emenda tintroduċi għadd ta' bidliet indikati bħala *“rakkomandazzjonijiet”*. Minkejja d-denominazzjoni tagħhom, dawn ir-*“rakkomandazzjonijiet”* għandhom natura li tibdel is-sitwazzjoni legali eżistenti bl-istandards preżistenti.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-oġettiv u l-kontenut tal-att previst li dwarhom trid tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst għandhom x'jaqsmu mal-politika komuni dwar it-trasport.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Adozzjoni tal-Emenda 17 għall-Anness 13

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni"), li tirregola t-trasport bl-ajru internazzjonali, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Din stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).
- (2) L-Istati Membri tal-Unjoni huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni u membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċerti korpi tal-ICAO.
- (3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni, ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO jista' jadotta Standards Internazzjonali u Prattiki Rakkomandati.
- (4) Il-Kunsill tal-ICAO, waqt il-216-il sessjoni tiegħu, mibdija fl-14 ta' Frar 2019, għandu jadotta l-Emenda 17 għall-Anness 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago dwar ir-rappurtar u l-investigazzjoni f'waqtha ta' aċċidenti u inċidenti.
- (5) Jixraq tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-ICAO għax l-emenda proposta għandha effett legali u hi kapaċi kompletament jew parzjalment li tinfluwenza l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament u tal-Kunsill⁵.
- (6) L-emenda għandha l-għan li tintroduċi dawn il-bidliet li ġejjin: fl-oqsma tal-investigazzjoni f'waqtha tal-aċċidenti u tal-inċidenti serji, u l-ħruġ tar-rapport finali; id-definizzjoni ta' "Rappreżentant akkreditat"; l-allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika, u t-tqassim tar-Rapporti Finali; il-faċilitazzjoni tad-dħul ta' investigaturi; id-drittijiet u l-intitolament ta' esperti; konsultazzjoni dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza; il-lista ta' eżempji ta' inċidenti serji; u d-delega ta' investigazzjoni.
- (7) L-Unjoni hi sostenitur kbir ta' dawn l-isforzi tal-ICAO biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni billi jkun żgurat livell għoli ta' effiċjenza, ħeffa u kwalità fl-investigazzjonijiet tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35)

- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-216-il sessjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO") għandha tkun li tappoġġa l-Emenda 17 proposta għall-Anness 13 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"), mingħajr preġudizzju għad-dritt li jiġu notifikati d-differenzi skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*